**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Jannar, 2016

Il- Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

-vs-

Redeemer Bellizzi

Kaz Nru. 220/14

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Redeemer Bellizzi detentur ta' Karta tal--Identita` numru 410291(M) talli:

> Nhar l-4 t'Awissu 2013 ghall-habta tal-4.20am gewwa Triq Selmun, Mellieha, saq il-vettura DRV004 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stiliyana Shtiliyanova.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' sejbien ta' htija, Redeemer Bellizzi, jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 17, 23, 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jittratta incident stradali, li sehh ghall-habta tal-4.20am fi Triq Selmun, Mellieha, (fit-Telgha ta' Selmun l/o Mellieha) li fih kienet involuta l-vettura Toyota Corsa DRV-004 li kienet misjuqa mill-imputat u li kienet sejra fid-direzzjoni tal-Mellieha. Il-vettura baqghet diehla fuq *crash barrier* fl-istess triq. Fl-istess vettura kien hemm riekbin ukoll Stiliyana Shtiliyanova mwielda nhar l-1 ta' Mejju 1993 ta' nazzjonalita` Bulgara, detentrici ta' karta tal-identita` numru 9305015818 *w* Todorov Ivanov. F'dan l-incident kemm is-sewwieq u anki Stiliyana Shtiliyanova wegghu gravi.

Semghet lil PS 914 Ivan Mifsud jghid li hekk kif wasal fuq il-post tal-incident u beda l-investigazzjoni tieghu, innota li l-*windscreen* man-naha tal-passigier kien hemm daqqa minn gewwa ghal barra u passigiera li kellha griehi go wiccha. Hu hargilha citazzjoni talli, fil-fehma tieghu, hi ma kienitx libsa *seatbelt*. Mill-affidavit tieghu jirrizulta li l-passigiera Stiliyana Shtiliyanova kellha daqqa f'wicca bid-demm hiereg minn ferita li garrbet. Aktar tard hi giet certifikata minn Dr Daniel Youkee MD

(Reg.5483) li qed issoffri minn feriti gravi. Certifikat mahrug mit-Tabib Youkee, li wara sar maghruf li kien halla Malta b'mod definitiv, esebit a. fol.21, juri li Stiliyana Shtiliyanova kienet qed issoffri minn *"LCW forehead over (L) eyebrow 2 cm.3cm LCW over nose"*.

Fl-affidavit tieghu PS 914 Mifsud jghid li l-imputat kien qallu li hu u kien tiela l-fuq, ghamieh dawl u tilef il-kontroll. Il-post tal-incident kien vicin il-liwja li hemm f'dik it-triq.

Stiliyana Shtiliyanova xehdet li nhar l-4 t'Awissu 2013 hi kienet flimkien ma Redeemer Bellizzi riekba go vettura misjuqa minnu, wara li kienu sejrin lejn darhom wara li kienu flimkien f'*barbeque*. Hi tghid li hi kienet sejra id-dar taghha Bugibba u li maghhom kien hemm riekeb ukoll huha Todorov Ivanov. Ma tantx setghet taghti dettalji dwar l-incident peress kienet xorbot il-Vodka f'dak il-*barbeque* u kull ma setghet tiftakar kien dak li sehh wara l-incident. Hi tghid li kienet riekba fil-*passenger seat* u bl-incident soffriet griehi fuq mohha u mnieherha. Tghid li ma ratx lill-imputat jixrob. Tispjega li soffriet griehi fuq mohha (*"forehead"*) u mnieheriha.

Xehed ukoll Todorov Ivanov li spjega kif kien f'*barbeque* ma ohtu Stiliyana Shtiliyanova. Jghid li ma jistax jiftakar x'gara dakinhar peress li kien rieqed fil-karozza ghaliex kien siker u qam biss mal-habta. Kull ma seta jghid kien li habtu ma crash barrier.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[1] saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar 2003 fis-sentenza fl-ismjiet : 'Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami':

> *'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'*

Mill-atti jirrizulta li l-imputat flimkien mal-passigieri riekbin fil-vettura misjuqa minnu kienu f'*barbeque* sas-sighat bikrin tal-ghodwa tal-4

---

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciz fl-14 ta' Jannar, 2013

t'Awissu,2013, fejn kienu qed jiddevertu u jixorbu. Ix-xorb jidher li kien sostanzjali. Bizzejjed wiehed jisma ix-xhieda tal-istess passigieri li l-ebda wiehed minnhom ma kien f'posizzjoni jaghti rendikont ta' x'gara fil-mument tal-incident u sahansitra l-passiggier riekeb fuq wara kien rieqed u qam mad-daqqa! Mill-PIRS (fol.12) jirrizulta li it-triq kienet f'kundizzjoni tajba, kien hemm vizibilita` u aktar importanti minn hekk, it-triq kienet niexfa.

Din il-Qorti ma ghandhiex dubbji li anke is-sewwieq kien fi stat li, bejn xorb u ghejja, ma messux saq il-vettura tieghu. Kien minhabba fl-istat li kien fih u ghal ebda kawza ohra li l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura.

Mir-rizultanzi processwali din il-Qorti hija moralment konvinta li l-incident huwa attribwibbli lill-imputat u lil hadd u xejn aktar.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tqis li l-imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi tal-kaz. Tqis li m'ghandhix tigi imposta piena karcerarja effettiva u dan tenut kont li kien hemm element ta' kontributorjeta' min-naha ta' Stiliyana Shtiliyanova inkwantu ghall-konsegwenzi li hija sofriet fl-incident.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23,30, 31, 226(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stiliyana Shtiliyanova, u tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Donatella Frendo Dimech**

**Magistrat**